MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-24 ta' Jannar, 2011

Talba Numru. 1036/2009

**Cutrico Services Limited**
**C 9586**
**Vs**
**Joseph Busuttil I.D.426265(M)**
**u Doreen Busuttil (Maria Dolores) nee' Aguis**
**I.D.272466(M)**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsuha l-ammont ta' elfejn mitejn disgha u ghoxrin Ewro u wiehed u tmenin centezmu (€ 2,229.81) ekwivalenti ghal disa' mija u sebgha u hamsin Lira u sitta u ghoxrin centezmu (Lm957.26) rapprezentanti l-valur totali ta' tmienja u hamsin kambjala- kull wahda - ghal valur ta' tmienja u tlettin Ewro u erbgha u erbghin centezmu (€.38.44) l-ekwivalenti ta' sittax-il Lira u hamsin centezmu (Lm16.50),

minnhom accettati u ffirmati – gja' maturati u dovuta u enumerati bin-numru "3" sa' "60."

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekoribbli mill-iskadenza ta' kulll kambjala.

Ra li l-konvenuti gew debitament notifikati skond il-Ligi, izda kienu baqqghu ma pprezentaw ebda risposta.

Ra x-xhieda ta' Dr. Kenneth Cutajar, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, li kkonferma li l-ammont kien ghadu dovut mill-konvenuti u li sa' llum ma kienux saru ebda pagamenti.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra

Illi minkejja li l-konvenuti gew notifikati skond il-Ligi u ghalhekkk kienu jafu li kien hemm kawza pendenti kontrihom, xorta wahda ma pprezentaw ebda risposta sabiex jikkontestaw il-kaz taghhom.

Is-socjeta' attrici kkonfermat li l-ammont kien ghadu dovut u l-konvenuti ma kienux hallsu.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici, kif dedotti.

Bl-ispejjez u l-imghax, kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------